MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 1139/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs.**

**Paolo Camilleri**
**Grace-Mary Titcombe**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Paolo Camilleri**, ta' sittin (60) sena, imwieled fit-2 ta' Novembru 1950, Rabat, Malta, bin il-mejjet Joseph u Tereza neé Schembri u residenti f'numru 52 Cosmana Navarro Street, Rabat, Malta, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 882450(M)

u

**Grace Titcombe**, ta' wiehed u hamsin (51) sena, imwielda fis-6 ta' Marzu 1960, Pieta, bint Albert u Mary neé Spiteri u residenti f'Frank Flats, No. 2, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 197660(M),

akkuzati talli:

1. f'dawn il-Gzejjer u cioé Bugibba San Pawl il-Bahar fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 201 f'xi hin bejn it-tmienja ta' filghaxija u l-hamsa ta' filghodu ikkommettew serq liema serq huwa ta' valur aktar minn tlieta u ghoxrin (€ 23.00) u inqas minn elfejn u tlitt mitt Euro (€ 2300.00) ghad-detriment ta' terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin;

2. laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex bieghhom jew imexxuhom.

Lil **Paolo Camilleri** wahdu akkuzat talli:

3. ikkommetta reat waqt sentenza operattiva li nghatat mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "TS 2" – *a fol.* 37).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 5 u 6).
Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet liz-zewg imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 150 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011, xehdet **l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Therese Sciberras** (*a fol.* 25 *et seq.*) rigward ir-rapport li kien sar minn Priscilla Psaila bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2011 wara li gie misruq lilha l-*handbag* taghha minn go *bar* f'Bugibba. Tispjega li minn *CCTV footage* li gie elevat minn fuq il-post jidher l-imputat jiehu dan il-*handbag*. Tispjega li dan nstab ghand l-imputata. Tixhed li gew mittiehda stqarrijiet taz-zewg imputati u ezebiet numru ta' dokumenti.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-*handbag* u l-affarijiet kollha ta' go fih nstabu. Tghid li z-zewg imputati ghandhom problema ta' xorb. Tixhed li meta gew mitkellma l-imputati minnha, l-imputati kien ghad fadlilhom riha ta' xorb. Tghid li l-valur tal-oggetti huwa ta' madwar € 400 - € 500 u li dan l-ammont waslet ghalih minn dak li qaltilha l-vittma.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011, xehed **PS 419 Anton Buttigieg** (*a fol.* 49 *et seq.*) rigward ir-rapport li kien sar fis-7 ta' Ottubru 2011 ghall-habta ta' nofs il-lejl u kwart. Jispjega li Priscilla Psaila kienet irraportat li l-*handbag* taghha kien insteraq. Jghid li z-zewg imputati kellhom riha qawwija ta' xorb. Jghid: *"Iva, it-tnejn li huma kellhom riha qawwija ta' xorb, pero Paolo Camilleri beda jipprova jikkoopera maghna meta qal li l-handbag kienet ghadditulu certu Grace. Pero Grace Titcombe ma kienitx [f'] pozizzjoni li titkellem lanqas biss setghet tifhem id-dritt li bdejt naghtiha li ghandha dritt tikkonsla m'avukat"* (*a fol.*

51). Ezebixxa okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. “AB 1” (*a fol.* 58 *et seq.*)

In kontro-ezami jghid li fil-filmat jidher l-imputat fil-hanut bil-*handbag* f’idejh. Jghid ukoll li, fil-fehma tieghu, l-imputata kienet xurbana meta beda jkellimha.

Illi, fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2011, xehed ukoll **PC 688 Josmar Muscat** (*a fol.* 62 *et seq.*) li xehed fuq rapport mmarkat bhala Dok. “AB 1” – *a fol.* 58 *et seq*. Jghid li x’hin l-imputati gew mitkellma, huma kellhom fuqhom riha qawwija ta’ xorb. Jghid li meta l-imputat Paolo Camilleri beda jigi mistoqsi xi domandi, hu beda jirrepeti l-istess kliem li l-*handbag* ma kienx ghadu ghandu pero li dan kien ghand Mary Grace Titcombe.

Illi, fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2011, xehdet ukoll **Priscilla Psaila** (*a fol.* 71 *et seq.*) li xehdet li fis-7 ta’ Ottubru (minghajr ma ssemmi s-sena) kienet flimklien mal-*boyfriend* taghha u numru ta’ hbieb f’*bar*, u f’illi l-*handbag* taghha kien fuq il-*bar* u meta daret ghalih, ma sabitux. Tghid li rrealizzat li l-*handbag* taghha gie misruq u marret taghmel rapport l-Ghassa. Tghid li ma rat lil hadd hdejn il-*handbag* taghha u li ma rat lil hadd jiehdu. Tispjega li aktar tard il-Pulizija cemplulha u giet mitluba tmur l-Ghassa u kkonfermat li l-oggetti li kellhom kienu taghha.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2012, xehdet **WPS 230 Anna Marie Vella** (*a fol.* 82 *et seq.*) fuq l-istqarrija rilaxxata mill-imputat.

Illi, fis-seduta tas-16 ta’ April 2012, xehed **PC 161 Joseph Lewis Scerri** (*a fol.* 86 *et seq.*) fuq l-istqarrija rilaxxata mill-imputata.

Illi, fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2013, xehed **Dr. Steven Farrugia Sacco** (*a fol.* 114 *et seq.*) in segwitu ta’ l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti fejn gie nominat biex johrog *stills* minn *CD* li jinsab *a fol.* 135 (aktar kmieni fil-kawza kien jinsab *a fol.* 36). Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. “SFS 1” (*a fol.* 117).

Illi, fis-seduta tat-8 ta’ April 2013, xehdet l-imputata **Grace Mary Titcombe** (*a fol.* 138 *et seq.*) fejn qalet li kienet qed tixrob go *bar* li jinsab madwar hames minuti mixi l-boghod minn fejn toqghod hi. Tghid: *“Dik il-gurnata ma niftakarx jigifieri lanqas niftakar kwazi fejn kont fil-hanut, lanqas niftakar x’kien jismu; ma niftakar xejn jigifieri”* (*a fol.* 139). Tghid li qabel marret il-*bar* kienet diga hadet *drink* mid-dar u li meta marret fil-*bar*, haltet xi *drinks*. Tghid li xorbot eccessivament. Tghid li lanqas taf kif waslet id-dar. Mistoqsija tghid jekk haditx xi *handbag*, tghid li ma tiftakar xejn. Tghid li wara mxiet sad-dar u marret torqod. Tghid li l-imputat huwa habib taghha. Mistoqsija tghid jekk lill-imputat ratux dakinhar bil-lejl, tghid: *“Rajtu, sa fejn naf jien, imma ma nafx jigifieri mbaghad x’gara, ma niftakarx”* (*a fol.* 141). Ma tafx jekk telqitx mill-*bar* mieghu jew le. Tghid li meta baghtu ghaliha mill-Ghassa, cahdet li kienet hadet xi *handbag* pero tikkonferma li l-Pulizija staqsewha jekk setghux imorru d-dar taghha u hi qaltilhom li setghu imorru u tghid li l-*handbag* instab fuq is-sodda taghha. Tghid li kollox kien ghadu go fih u li kien ghadu maghluq. Tghid li ma missietux il-*handbag*. Tixhed li ma tafx kif gie ghandha l-*handbag*.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ Settembru 2013, xehed l-imputat **Paolo Camilleri** (*a fol.* 147 *et seq.*) li qal li kien f’*bar* flimkien mal-imputata u persuna ohra mir-Rabat. Jghid li qabel kien f’hanut iehor u wara ltaqa’ mal-imputata u marru jiehdu *drink* fil-*bar* in kwistjoni. Jghid: *“Ghidtilha imxi, u morna Smoco. Umbaghad qaltli ha nohrog naqra ma’ dan, qaltli hudli hsieb il-handbag”* (*a fol.* 148). Jghid li qabad il-*handbag* u zammu u ghamel siegha ohra jitkellem ma’ dak u ma’ l-iehor. Jghid: *“Umbaghad gie wiehed qalli dik mejta fis-sakra, ghidtlu ha mmur ntiha l-handbag u mmorru ‘l hemm. U mort u nsibha ddahhal ic-cavetta fis-switch ta’ qanpiena, ghidtilha mhux hekk, u ftahtilha l-bieb jien, tfajtielha l-handbag u tlaqt ‘l isfel”* (*a fol.* 148).

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li l-imputata qaltlu biex jehdoliha hsieb il-*handbag*. Mistoqsi jghid jekk hax il-

*handbag* li qaltlu l-imputata, jghid qabdu u tefghu taht idejh. Jghid li ma kienx fis-sakra.

In ri-ezami jghid li meta ha l-*handbag* kien min ghalih li kien tal-imputata u li sar jaf li ma kienx taghha meta marru l-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jittratta r-reat ta' serq (u ricettazzjoni) fil-konfront taz-zewg imputati li allegatament sehh *f'bar* gewwa l-Qawra. Mill-atti jirrizulta ampjament li r-reati li dwarhom tressqu l-provi kollha allegatament sehhew fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2011. Ghandu jinghad ukoll li mix-xiehda moghtija mid-derubata Priscilla Psaila tissemma biss id-data tas-7 ta' Ottubru, minghajr ma tissemma s-sena. Il-Qorti tinnota li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati kollha jirreferu ghal-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' *"Ottubru 201"*.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew *"ghall-habta tas-7.30 pm"* mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh *"ghall-habta tas-7.30 am"*, intqal li:

"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk

l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi *"ghall-habta ta'"* tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament".

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs. Rita Theuma**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Illi, fil-kaz odjern, id-differenza li tirrizulta mill-provi prodotti meta paragunata ma' dak indikat fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taz-zewg imputati mhumiex semplici ftit sieghat pero d-differenza hija f'numru konsiderevoli ta' snin, ezattament elf, tmien mija u ghaxar snin. M'hemmx dubju li dak kwotat fis-sentenzi riprodotti hawn fuq ghandu japplika ghall-kaz odjern.

Illi b'applikazzjoni tal-principji ndikati hawn fuq ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet lilhom addebitati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 201 meta l-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2011. Il-Qorti tista tieqaf hawn u tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom pero thoss li ghandha taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet ulterjuri.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**

Illi kieku, ghall-grazzja tal-argument **BISS**, kellu jigi argumentat li l-izball fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati kien *lapsus calami*, il-Qorti tinnota li mill-provi prodotti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taz-zewg imputati ma jirrizultawx.

Illi, fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Awissu 1998 inghad is-segwenti:

“L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta’ serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

*“La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta “invite dominio”, con animo di farne lucro”*

(Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b’referenza ghad-definizzjoni ta’ serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*“Obiettivament, possono essere “altrui” soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è “altrui” la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d’altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui”* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)”.

Illi filwaqt li jirrizulta li l-imputata kienet xurbana ferm dakinhar tal-akkadut, jirrizulta wkoll li l-imputat mexa fuq l-istruzzjonijiet li kienet tatu l-imputata u li jew ghax bi zball qabad *handbag* b’iehor jew inkella ghax il-*handbag* li kienet indikatlu l-imputata kien fil-verita dak hazin. Il-Qorti tinnota li huwa difficli tifhem kif wiehed li jrid jisraq *handbag* u jisirqu jibqa’ b’dan il-*handbag* f’idejh jixrob fil-*bar* minn fejn ikun serqu ghal numru ta’ hin konsiderevoli, kif gara fil-kaz odjern, u mhux jitlaq mill-post malli jisirqu! Ma jirrizultawx l-elementi necessarji sabiex jigu pruvati r-reati ta’ serq u ricetazzjoni addebitati liz-zewg imputati.

Isegwi ghalhekk li l-imputat ghandu jigi mehlus ukoll mill-imputazzjoni ta’ recidiva addebitata lilu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u konsegwentement tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------